KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 03**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tlieta, 9 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2024, fl-17:20 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Rene Abela – Kunsillier

Assenti b'Apoloġija (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Karl Buttiġieġ - Kunsillier

KUNSILL LOKALI
QALA

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 3.1 Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fl-17.25pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 3.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ kien assenti minħabba li kien imsiefer. L-Assenza tiegħu ġiet skużata mill-Kunsill.

## 3.3 Lejla Għawdxija

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt l-iskema SPI/SCI/05/2024 għal-Lejla Għawdxija u Milied Flimkien ikkwalifikaw u se ningħataw l-ammont ta' €7061.90 u €7590.10 rispettivament. Minħabba li l-ispiża biex tittella l-lejl għawdxija hija ferm akbar, il-Kunsill applika wkoll għall-fondi kulturali mill-MGP. Din it-talba ntlaqgħat u l-Kunsill se jkun qed jingħata €7,000 għal din l-attivita'. Is-serata se tkun qed tittella fil-Pjazza, nhar it-28ta' Lulju 2024.

Kien hemm qbil li nimxu fuq il-programm tas-sena l-oħra u din is-sena nistiednu wkoll lil Calypso grupp kif ukoll il-kantanti li kantaw is-sena l-oħra u stalls tal-ikel. Kompliet id-diskussjuni rigward il-band u ma ntlaħaqx qbil dwar liema band għanda tintgħażel minn dawk li kienu pprovdew kwotazzjoni. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak issuġġeriet lil JoyGivers minħabba li hi l-irħas u l-aħjar filwaqt li s-Sindku ssuġġerixxa lil Chasing Pandora jew lil Destiny minħabba li JoyGivers se jkunu qed idoqqu fil-QIFF. Kien hemm qbil sabiex naraw nirċevux kwotazzjonijiet aktar mingħand dawk li bgħattna u ssir komunikazzjoni b'imejl dwar il-band.

## 3.4 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-17.35pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt